MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Numru 154/2006

**Maltacom plc**

**vs**

**Emanuel Vella**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett mija u tlettax il-lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm313.83) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21664632, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fis-16 ta' Marzu 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' tlett mija u tlettax il-lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm313.83) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------